Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 811/2005

**C&L Calleja Trading Ltd**

**vs**

**Raymond Borg u Lucia Borg**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 t'April 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu ikkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija tmienja u tletin Liri Maltin u disgha u sebghin centezmi (Lm438.79), rapprezentanti prezz ta' prodotti ta' hut mibjugha lill-istess konvenuti kif jidher minn Dok. A.

Nonostante illi gew interpellati jhallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti, kif jidher minn Dok. B.

Is-socjeta’ attrici qed titlob ukoll l-imghax bit-8% fis-sena fuq is-somma mitluba mis-6 t’Awissu 2004 sal-gurnata tal-hlas effettiv. Is-socjeta’ attrici qed titlob ukoll l-ispejjez tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju illi gie ipprezentat kontestwalment ma’ l-avviz.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ erba’ mija tmienja u tletin Liri Maltin u disgha u sebghin centezmi (Lm438.79), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza u dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------